**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**18 ta' Dicembru 2020**

**Rikors Numru 20/2020**

**Ronald Gatt**

**Vs**

**Awtorita' ghat-Trasport f'Malta**

## It-Tribunal,

Ra r-rikors ipprezentat minn **Ronald Gatt** fl-24 ta' Frar 2020 li permezz tieghu ppremetta s-segwenti:

*"Illi r-rikorrent gie notifikat b'ittra datata 4 ta' Novembru 2019 fejn gie mgharraf illi ma ssodisfax il-kundizzjonijiet ta' reputazzjoni u kondotta tajba ghall-fini tar-regolamenti dwar il-vetturi bil-mutur (Legislazzjoni Sussidjarja 65.11);*

*Illi in linea tal-Artikolu 62C(4) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11 ir-rikorrent permezz ta' ittra datata 12 ta' Novembru 2019 (hawn annessa u mmarkata bhala Dok A), ghamel rapprezentazzjonijiet il-miktub fuq ir-rifjut tieghu pero' t-talba tieghu regghet giet rigettata mill-Awtorita', din id-darba permezz ta' ittra datata 22 ta' Jannar 2020;*

*Illi, konsegwentament, ir-rikorrent in linea mad-dispost tal-Artikolu 62C(5) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11 qed jirreferi din il-pendenza quddiem dan it-Tribunal;*

*Illi din id-decizjoni amministrattiva mehuda mill-Awtorita' tat-Trasport hija wahda ingusta, irragjonevoli u bazata fuq konsiderazzjonijiet irrilevanti, kif ukoll sproporzjonata u dana hekk kif ser jipprova l-istess rikorrent waqt it-trattazzjoni tal-kawza odjerna;*

*Illi in effett, l-esponent kien allura nstab hati tar-reat tal-pussess tar-raza mehuda mill-pjanta kannabis jew xi preparazzjoni li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, pero' ai fini ta' piena nghata l-aggravanti ta' Artikolu 22(2)(b)(ii) u cioe' li l-pussess ma kellux jitqies ghall-uzu esklussiv tieghu;*

*Illi l-Awtorita' tikkunsidra dan il-fatt bhala li huwa ma jistax jitqies bhala wiehed ta' reputazzjoni u kondotta tajba, fit-termini tal-Artikolu 62C tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11;*

*Illi l-Artikolu precitat huwa wiehed ezawrienti b'tali mod li jrid jigi interpretat b'mod restrittiv, u dan anke skont il-principju legali ux lex voluit dixit;*

*Illi, gialadarba l-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11 ma taghmel ebda referenza ghar-reat ta' pussess tar-rezina tal-kannabis (Artikolu 8(a)), l-Awtorita' intimata tibbaza d-decizjoni taghha fuq l-Artikolu 22 tal-Kap 101 u ghaldaqstant tissottometti illi r-reat taht artikolu 8(a) ghandu jigi inferiti mil-ligi meta din tindika l-Artikolu 22 tal-istess Kapitolu. Illi, dan ir-ragunament huwa ghalkollox skorrett;*

*Illi jigi umilment sottomess li dak li kellha taghmel l-Awtorita' ghat-Trasport f'dan ir-rigward kien li tqis oggettivament u korrettement il-fatti li kellha quddiema, u kieku tali ezercizzju gie kondott korrettement, l-Awtorita' ma kinitx tasal ghal dik il-konkluzjoni li effettivament waslet ghaliha;*

*Illi, huwa car li l-Artikolu 22 tal-Kap.101 jirreferi biss ghall-procedura u ghall-pieni korrispettivi, u ghalhekk din id-disposizzjoni tal-ligi bilfors trid tigi interpretata bhala wahda ancellari ghad-disposizzjonijiet l-ohra;*

*Illi, hekk perezempju, l-Artikoli ndikati fl-Artikolu 62D, bhal Artikolu 4, 5, 6A, 7, 8(b)(c) et seq kollha jsibu l-korrispettiv tal-piena relatata fl-Artikolu 22;*

*Illi, kif gustament inghad minn dan l-Onorabbli Tribunal fis-sentenza* ***Kenneth Mamo vs Awtorita' ghat-Trasport f'Malta*** *datata nhar it-30 ta' Mejju 2019 "jidher car illi l-ispirtu tal-Legislatur kien illi* ***jeskludi mill-applikazzjoni tar-Regolament citat ir-reat ta' pussess ta' kannabis u medicini ohra perikoluzi****. Dan huwa evidenti mill-fatt li kien selettiv meta nizzel l-artikoli li abbazi taghhom seta' jinhareg ir-rifjut".*

*Illi inoltre, fis-sentenza sopracitata, dan l-Onorabbli Tribunal ikkontenda illi li "kieku ma kinitx din l-intenzjoni tal-Legislatur ma kienx ikun hemm ghalfejn jiccita l-artikoli individwali tal-Kapitolu 101 u kien jiccita biss l-artikolu 22 ghaliex dan prattikament jaghmel reat kull ksur jew nuqqas ta' tharis id-disposizzjoni tal-istess Ordinanza".*

*Ghaldaqstant, ir-rikorrent jitlob bir-rispett li dan it-Tribunal joghgbu:*

*1. Jirrevoka u jhassar id-decizjoni mehuda mill-Awtorita' intimata, ikkomunikata lill-esponent permezz ta' ittra datata 22 ta' Jannar 2020; u*

*2. Jordna lill-istess Awtorita' tilqa' l-applikazzjoni tar-rikorrent u tohrog il-permess ta' xufier relattiv skont il-ligi;*

*3. Jaghti kwalunkwe provvediment iehor li jidhirlu xieraq u opportun fic-cirkostanzi."*

Ra r-risposta tal-**Awtorita` ghat-Trasport f'Malta** datata 18 ta' Ottubru 2017 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:

*"1. Illi preliminarjament ir-rikors promutur gie prezentat fuori termine u ghalhekk huwa null u bla effett.*

*2. Illi, sussidjarjament u minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, id-decizjoni tal-Awtorita' rispondenti kif notifikata lir-rikorrent Ronald Gatt permezz tal-ittra taghha datata 22 ta' Jannar 2020, hija wahda gusta, korretta u skont il-ligi u ghalhekk ghandha tigi konfermata u r-rikors prezentat mir-rikorrent ghandu jigi michud bl-ispejjez, u dan ghar-ragunijiet li se jigu hawn imtennija.*

*3. Illi, bis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-12 ta' Settembru, 2011 fl-ismijiet 'Il-Pulizija -vs- Ronald Gatt', l-appellant Ronald Gatt gie misjub hati tal-akkuza li kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina mhux ghall-uzu personali tieghu u ghalhekk huwa ma ssodisfax il-kriterju ta' kondotta u reputazzjoni tajba kif stabbilit fir-Regolament 62C(1)(iv) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11 (liema sentenza hija wahda finali u definittiva). Fil-fatt huwa gie misjub hati ta' pussess ta' droga eroina li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu kif regolat bl-Artikolu 22 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta u hija proprju din id-distinzjoni li ried jaghmel il-legislatur fis-sens illi ma jigux awtomatikament eskluz mill-otteniment ta' driver's tag dawk li jkunu gew misjuba b'pussess semplici ghall-uzu personali taghhom izda jigu eskluzi dawk li jittraffikaw id-droga jew ikollhom id-droga fil-pussess taghhom mhux ghall-uzu esklussiv taghhom, kif inhu l-kaz tal-appellant.*

*4. Illi, konsegwentement, id-decizjoni tal-Awtorita' rispondenti hija decizjoni korretta u moghtija in konformita' u b'applikazzjoni tal-provvedimenti tal-ligi vigenti u ghalhekk ma tistax u m'ghandhiex tigi revokata.*

*5. Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrent appellant Ronald Gatt ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu."*

Ra illi t-Tribunal ordna li tigi trattata l-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita` intimata;

Sema' x-xhieda;

Ra d-dokumenti esebiti;

Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet dwar l-ewwel eccezzjoni;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza dwar l-istess eccezzjoni.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrenti hassu aggravat b'decizjoni tal-Awtorita` intimata kontenuta f'ittra datata 22 ta' Jannar 2020 li permezz taghha gie mgharraf illi ma kienx issodisfa l-kundizzjonijiet ta' reputazzjoni u kondotta tajba ai fini tar-Regolamenti dwar il-vetturi bil-mutur (Legislazzjoni Sussidjarja 65.11), u *cioe`* biex tinhariglu t-*tag* ta' xufier.

Illi l-Awtorita` intimata eccepiet illi l-appell tar-rikorrent sar *fuori termine* ghaliex fit-3 ta' Dicembru 2019 huwa kien gie notifikat bid-decizjoni appellata datata 22 ta' Novembru 2019. L-ittra msemmija fir-rikors promutur datata 22 ta' Jannar 2020 hija biss replika tal-ittra tat-22 ta' Novembru 2019, u kwindi d-decizjoni finali tal-Awtorita` intimata kienet ittiehdet fl-imsemmija data u mhux f'Jannar 2020.

**Brian Farrugia**, Direttur tad-Direttorat ghat-Trasport fuq l-Art fi hdan l-Awtorita` intimata, stqarr illi fl-4 ta' Novembru 2019, l-Awtorita` kienet baghtet ittra lir-rikorrent fejn infurmatu li ma kinitx l-intenzjoni taghha li tohrog it-*tag* in kwistjoni stante li r-rikorrent ma ssodisfax il-kundizzjoni ta' reputazzjoni u kondotta tajba u dan minhabba sentenza li nghatat fil-konfront tieghu fit-12 ta' Settembru 2011. Ghaldaqstant, l-istess Awtorita` stiednet lir-rikorrent sabiex fi zmien ghaxart ijiem minn meta l-istess ittra tigi ricevuta, ir-rikorrent iressaq ir-rapprezentazzjonijiet tieghu.[1]

Ir-rikorrent ressaq l-imsemmija rapprezentazzjonijiet permezz ta' ittra legali datata 12 ta' Novembru 2019.[2] Wara li l-Awtorita` intimata hadet in konsiderazzjoni l-istess rapprezentazzjonijiet, permezz ta' ittra datata 22 ta' Novembru 2019 indirizzata lid-difensur tar-rikorrent u kkuppjata lir-rikorrent, infurmatu li l-applikazzjoni ghat-*tag* ta' xufier kienet qieghda tigi rifjutata.[3]

Jirrizulta illi din l-ittra giet notifikata lir-rikorrent personalment fit-3 ta' Dicembru 2019 u dan kif jirrizulta mid-dokument ta' posta rregistrata esebit a fol. 34A u kif ukoll minn fol. 51 fejn jirrizulta illi l-istess ittra giet migbura mid-destinatarju mill-Ufficju Postali ta' Bormla. Pero` jirrizulta illi d-difensur tar-rikorrent ma giex notifikat bl-istess ittra. Ghalhekk, l-Awtorita` intimata fit-22 ta' Jannar 2020 bghatet ittra ohra lill-istess difensur, kemm b'posta registrata u kemm b'posta normali. Madankollu jirrizulta li l-ittra mibghuta bil-posta registrata baqghat ma waslitx ghand id-difensur tar-rikorrent.

**Ir-rikorrent** jghid li filwaqt li ma jiftakarx ezatt jekk irceviex ittra b'posta registrata, ikkonferma li l-firma fuq il-*pink card* tidher li hija tieghu.

**Ikkunsidra:**

Illi ai termini tar-Regolament 130D (3) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11 (Regolamenti Dwar il-Vetturi bil-Mutur) persuna aggravata b'decizjoni tal-Awtorita` intimata tista' **<u>tappella l-istess decizjoni fi zmien tletin gurnata minn meta tali decizjoni tigi notifikata lilha.</u>**

---

[1] Dok RF1 a fol. 34
[2] A fol. 37
[3] Dok RF2 a fol. 35

Illi r-rikorrent jargumenta illi dawn it-tletin gurnata skattaw minn meta huwa rcieva ittra datata 22 ta' Jannar 2020. Min-naha l-ohra l-Awtorita` intimata tishaq illi d-decizjoni finali tal-Awtorita` inghatat fit-22 ta' Novembru 2020, liema decizjoni giet notifikata lir-rikorrent permezz ta' posta registrata fit-3 ta' Dicembru 2019, u kwindi t-tletin gurnata entro liema kellu jitressaq appell beda jiddekkori minn dik id-data.

Illi kif gia' gie spjegat iktar 'il fuq, l-ittra tat-22 ta' Jannar 2020, li *del resto* minn imkien ma jirrizulta meta jew jekk gietx notifikata lir-rikorrent, ma kinitx id-decizjoni finali jew xi decizjoni gdida tal-Awtorita` intimata. Din l-ittra kienet intbaghtet biss lid-difensur tar-rikorrent ghaliex ma kienx ircieva l-ewwel ittra tat-22 ta' Novembru 2020. Dana kollu ma jbiddel xejn mil-fatt illi r-rikorrent ircieva l-ittra, bid-decizjoni tal-Awtorita` intimata, fit-3 ta' Dicembru 2019. Ghalkemm ir-rikorrent jghid li ma tantx kien cert jekk ircevihiex jew le, madankollu dan it-Tribunal ghandu prova quddiemu li ma jistghax jiskartaha fuq semplici asserzjoni tar-rikorrent "li ma hux cert" jekk ircevihiex jew le, u dan meta l-provi juru li fil-fatt irceviha.

Illi ghalhekk huwa evidenti li meta r-rikorrent ipprezenta l-appell tieghu fl-24 ta' Frar 2020, l-istess appell kien *fuori termine*.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal qieghed jilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita` intimata u jiddikjara li l-appell tar-rikorrenti gie intavolat *fuori termine* u konsegwentement ghandu jitqies irritu u null u bla ebda effett fil-Ligi.

Bl-ispejjez a karigu tar-rikorrent.

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**